# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tnejn, 13 ta' Settembru, 2021**

**Rikors Nru: 808/2021**

**Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 471/2021 CFS**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1063/2021, fl-ismijiet:**

***Av. Adrian Attard bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Express Global d.o.o.[1], reġistrata ġewwa Slovenia***

***vs.***

***Central Marine Limited***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar għadd ta' talbiet imressqa minn Central Marine Limited: (i) sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(ċ), (d)** u/jew **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; (ii) sabiex titħallas penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; (iii) sabiex jitħallsu danni skont l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (iv) sabiex, jekk kemm-il darba jitħalla l-mandat fis-seħħ, l-avukat Adrian Attard *nomine* jiġi mġiegħel iħallas garanzija

[1] L-isem tal-kumpannija barranija qiegħed jiġi msewwi minn Express d.o.o. għal Express Global d.o.o. bi tħaddim tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-iżball fl-isem ġie mqajjem mill-avukat Adrian Attard *nomine* fil-kawża 471/2021CFS.

biex tagħmel tajjeb għad-danni u penali skont l-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>12 ta' Awwissu, 2021</u>**, Central Marine Limited fissret li hija ġiet milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021. Hija tallega li min talab il-mandat ma ġġustifikax is-somma li kellha tiġi kawtelata bil-mandat. Minbarra dan, hija tgħid li l-pretensjoni tal-avukat Adrian Attard *nomine* llum hija kawtelata bi flejjes li ġew depożitati minn żewġ banek differenti. Iżżid ukoll, li hija m'għandha l-ebda dejn għaliex ħallset dak kollu li kellha tagħti. Tagħlaq billi tgħid li l-likwidità tagħha u r-relazzjoni kummerċjali twila illi hija kellha mal-kumpannija barranija Express Global d.o.o. kellhom ikunu ta' garanzija biżżejjed biex il-mandat ma jintalabx;

3. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet Central Marine Limited talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«1. tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1063/2021 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ, u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ), (d) u, jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jew liema minnhom;*
>
> *2. tikkundanna, għar-raġunijiet mogħtija mill-artikolu 836 (8) (b), (ċ) u, jew (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-soċjetà estera sekwestranti Express d.o.o., reġistrata ġewwa l-Islovenja, kif hawn Malta rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, l-Av. Adrian Attard (KI Nru. 570785M), sabiex tħallas l-penali sal-massimu maħsub mil-liġi, li tmur għand is-soċjetà rikorrenti odjerna, u dan ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *3. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti odjerni, inkluż fosthom spejjeż inkorsi in vista taċ-ċedoli ta' depożitu mressqa in osservanza tal-mandat ta' sekwestru odjern, u tikkundanna lis-soċjetà estera sekwestranti Express d.o.o., reġistrata ġewwa l-Islovenja, kif hawn Malta rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, l-Av. Adrian Attard (KI Nru. 570785M), sabiex jitħallsu lis-soċjetà rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati, u dan ai termini tal-artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. sussidjarjament jew alternattivament, tordna lis-soċjetà estera sekwestranti Express d.o.o., reġistrata ġewwa l-Islovenja, kif hawn Malta rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, l-Av. Adrian Attard (KI Nru. 570785M) sabiex, fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u għad danni u l-imgħax.»*

4. B'digriet tagħha tat-**24 ta' Awwissu, 2021**, il-qorti ordnat in-notifika lill-avukat Adrian Attard *nomine*, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Central Marine Limited;

5. L-avukat Adrian Attard *nomine* wieġeb fit-**3 ta' Settembru, 2021** u ta r-raġunijiet tiegħu għaliex it-talbiet miġjuba f'dan ir-rikors m'għandhomx jintlaqgħu;

***Fatti***

6. B'rikors maħluf numru 471/2021CFS imressaq fis-17 ta' Mejju, 2021, l-avukat Adrian Attard Attard fetaħ kawża f'isem il-kumpannija barranija Express Global d.o.o. sabiex Central Marine Limited tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €20,385.70 minħabba servizzi ta' ġarr u loġistika ta' merkanzija li allegatament baqgħu ma tħallsux;

7. Din il-kawża għadha ma nqatgħetx;

8. Fl-**14 ta' Lulju, 2021**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba tal-avukat Adrian Attard *nomine* biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Central Marine Limited, fl-ammont ta' €20,385.70;

9. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont kienet minħabba, «*servizzi reżi lis-soċjetà sekwestrata, u dan kif jirriżulta mir-rendikont tal-fatturi pendenti (kopja hawn anness u mmarkat bħala Dok. A1) u liema somom huma l-mertu tal-kawża intavolata mis-soċjetà sekwestranti fl-istess ismijiet sureferiti (Rik. Nru) 471/2021)*»;

10. Wara li ntlaqa' l-mandat, il-Bank of Valletta p.l.c. u l-Lombard Bank Malta plc ippreżentaw fl-atti tal-istess mandat, żewġ ċedoli ta' depożitu ta' flejjes li kienu miżmumin għandhom fuq isem Central Marine Limited. Iċ-ċedola tal-Bank of Valletta plc kienet fl-ammont ta' €20,385.70, filwaqt li ċ-ċedola tal-Lombard Bank Malta plc kienet meta tnaqqas l-ispejjeż tad-depożitu, fl-ammont ta' €189.74;

11. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċedoli, l-avukat Adrian Attard *nomine* qal fit-tweġiba tiegħu tat-3 ta' Settembru, 2021, li huwa ressaq rikors numru 1318/2021 sabiex jinħareġ kontro-mandat. Il-qorti però m'għandhiex kopja ta' dan ir-rikors u lanqas ma ngħatalha tagħrif jekk dan ir-rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat ġiex effettivament milqugħ minn Imħallef ieħor jew le;

12. Għalhekk għall-għanijiet ta' din il-proċedura, il-qorti sejra tqis ir-rikors ta' Central Matrine Limited, daqslikieku għadu ma nħareġ ebda kontro-mandat;

***Konsiderazzjonijiet***

13. L-**<u>ewwel talba</u>** ta' Central Marine Limited hija biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021. Dan kollu li sejjer jingħad għandu jgħodd biss jekk kemm-il darba dan il-mandat għadu fis-seħħ;

14. Skont il-liġi tagħna, mandat kawtelatorju jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

15. Huwa dmir ta' min qiegħed jitlob li jneħħi l-mandat, li jindika b'mod ċar taħt liema waħda minn dawn is-sitt ċirkostanzi huwa qiegħed iressaq it-talba tiegħu. Hemm fil-fatt ġurisprudenza li tgħid li r-rikors għat-tħassir tal-mandat għandu jitqies bħala null jekk kemm-il darba r-rikorrent ma jorbotx ir-raġunijiet tat-tħassir ma' waħda mill-kawżali msemmija fil-liġi (ara *inter alia* ***Marion Aquilina v. Victor Aquilina*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April. 2001, ***Joseph Camilleri***

***et v. Anthony Govè et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju, 2001 u ***Howard Stanley Kreiss v. Patrick Zrinzo*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2009);

16. F'ċirkostanzi bħal dawn, «*il-qorti ma tistax minn rajha tissupplixxi rimedju f'dan il-każ fuq kawżali li r-rikorrent innifsu ma jitlobx*» (ara ***Charles De Giorgio Limited v. Perit Christian Spiteri*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju, 2003);

17. B'daqshekk però, dan ma jfissirx li biex rikors taħt l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jkun jiswa hemm bżonn li jissemmew bilfors il-kliem preċiż tad-dispożizzjoni tal-liġi. Dak li huwa meħtieġ huwa li min qiegħed jitlob it-tħassir tal-mandat kawtelatorju juri sewwa x'inhi l-kawżali jew x'inhuma l-kawżalijiet li bihom jippretendi li l-mandat għandu jitħassar (ara ***Mario Difesa et v. Joseph Fabri*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 2015 u ***Roberto Carlos Calleja v. Annot Company Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Awwissu, 2010);

18. Fil-każ tagħna, Central Marine Limited issemmi erba' raġunijiet fir-rikors tagħha għaliex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021 jixraq li jiġi mħassar u dawn torbothom fit-talbiet finali tagħha maċ-ċirkostanzi misjuba fl-**artikolu 836(1)(ċ), (d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

19. L-<u>ewwel raġuni</u> mressqa minnha biex jitħassar il-mandat huwa li l-ammont ta' €20,385.70 li ġie kawtelat fil-mandat ma ġiex ġustifikat;

20. Central Marine Limited ma tgħidx fir-rikors tagħha ma' liema wieħed mill-kawżali tal-**artikolu 836(1)** hija rabtet din ir-raġuni, però l-qorti qed tifhem li din ir-raġuni hija marbuta mal-**artikolu 836(1)(d)** li jgħid li mandat jista' jitneħħa jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat;

21. Dwar dan il-punt, jissokta jingħad li l-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, ir-rikorrent irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ

tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018);

22. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiż fil-21 ta' April, 2014,

> *«mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba'.»* (ara **artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**)

23. Minbarra dan, l-**artikolu 832 tal-Kap 12** jgħid li meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu għandu, taħt piena tan-nullità tal-mandat, jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu;

24. Fil-każ tagħna, il-mandat kawtelatorju 1063/2021 jindika kemm l-oriġini u kif ukoll ix-xorta tad-debitu li kien qed jintalab mill-avukat Adrian Attard *nomine*. Dawn iż-żewġ ħtiġijiet jistgħu jinstiltu mir-rendikont tal-fatturi li ġie mehmuż mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mill-kontenut tar-rikors maħluf 471/2021;

25. Mir-rendikont tal-fatturi u mir-rikors maħluf joħroġ li x-xorta tad-debitu jew pretensjoni hija l-ħlas għas-servizzi ta' ġarr u loġistika ta' merkanzija allegatment imwettqa minn Express Global d.o.o. għal Central Marine Limited, filwaqt li l-oriġini tal-kreditu jew pretensjoni twieled fix-xhur ta' bejn April u Awwissu 2019;

26. L-ammont ta' €20,385.70 li ntalab li jiġi kawtelat bil-mandat, jirrifletti wkoll iċ-ċifra li hemm fuq ir-rendikont tal-fatturi li ntehmeż mar-rikors;

27. Naturalment jista' jkun li dan l-ammont mitlub mill-avukat Adrian Attard *nomine* mhuwiex dovut, kif hekk tgħid Central Marine Limited, imma dan mhuwiex xogħol din il-qorti li tiddeċidih f'din il-proċedura;

28. Fi proċedura marbuta ma' talba għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju, xogħol il-qorti mhuwiex li tgħid min għandu raġun fil-mertu bejn il-partijiet kontendenti. Mod ieħor, xogħol il-qorti fil-ħruġ jew fiż-żamma ta' mandat kawtelatorju huwa li tara jekk l-ammont indikat fil-mandat ta sekwestru huwiex wieħed li raġonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni (ara ***Salvino Farrugia v. Exalco Holdings Ltd*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru,1999, ***Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju 2005, ***Avv J.J. Vella noe v. Eden Irish Aircraft Leasing MS 204 Limited et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru 2012, ***Marco Bugelli v. Mark Micallef et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2018);

29. F'dan il-każ l-ammont kawtelat fil-mandat jirrifletti ċ-ċifra li l-avukat Adrian Attard *nomine* qiegħed jippretendi li hija allegatament dovuta minn Central Marine Limited. Dan l-ammont ġie wkoll maħluf skont l-**artikolu 831(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

30. Jinżel b'hekk, li li r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kien iħares il-ħtiġijiet kollha mitluba skont il-liġi;

31. L-ewwel raġuni miġjuba 'l quddiem minn Central Marine Limited sabiex jitħassar il-mandat qiegħda għalhekk tiġi miċħuda;

32. It-tieni raġuni għaliex fil-fehma ta' Central Marine Limited, il-mandat għandu jitħassar huwa minħabba li fl-atti tal-mandat ġew ippreżentati żewġ ċedoli fl-ammonti ta' €20,385.70 u €189.74 minn Bank of Valletta plc u minn Lombard Bank plc rispettivament;

33. Anke hawn, għalkemm Central Marine Limited ma tgħidux espressament fir-rikors, il-qorti qiegħda tifhem li din ir-raġuni qiegħda tintrabat mal-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li mandat kawtelatorju jista' jitneħħa jekk tinġieb garanzija xierqa oħra li fil-fehma tal-qorti tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' min ikun talab il-mandat;

34. Fil-fehma tal-qorti anke din ir-raġuni iżda m'għandhiex mis-sewwa. Iż-żewġ depożiti msemmija minn Central Marine Limited saru għaliex sewwasew kien jeżisti l-mandat. **<u>Jekk jitħassar il-mandat ta' sekwestru 1063/2021, il-flus li ġew depożitati jkun jistgħu jinġibdu lura mill-esekutat u b'hekk ma jkun jifdal xejn biex iħares il-pretensjonijiet tal-esekutant</u>**;

35. Fuq kollox, il-kliem użat fl-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** juri li trid tiġi provduta garanzija alternattiva li ma jkollhiex x'taqsam mal-mandat li jkun qiegħed jiġi attakkat. Kemm hu hekk, il-liġi titkellem fuq garanzija xierqa oħra li «*toħroġ bil-**<u>ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor</u>**, jew inkella jekk dik il-**<u>garanzija oħra</u>** tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni*»;

36. Fil-każ tagħna, Central Marine Limited ma ppreżentat l-ebda garanzija oħra li hija indipendenti mill-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021, bħal ngħidu aħna, garanzija bankarja jew ċedola mressqa minn Central Marine Limited stess fl-ammont indikat fil-mandat. Ma ninsewx li d-depożiti li ssemmi Central Marine Limited ma sarux minnha iżda mill-banek sekwestratarji, kif kienu marbuta illi jagħmlu skont il-liġi, ladarba huma inzerta kellhom f'idejhom flejjes ta' Central Marine Limited (ara **artikoli 376(2)(e)**, **378** u **849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

37. Hekk ukoll, Central Marine Limited lanqas ma wriet li l-ammont kawtelat bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021 jista' jiġi garantit bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, għaliex Central Marine Limited ma semmitx li l-avukat Adrian Attard *nomine* kiseb xi mandat kawtelatorju ieħor kontra tagħha fuq l-istess pretensjoni;

38. Il-garanzija oħra li ssemmi l-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** trid tinbet minn għajn jew sors li mhuwiex il-mandat kawtelatorju li qiegħed jiġi attakkat (ara f'dan is-sens ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

39. Joqgħod ħafna hawnhekk, dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ***Avukat Joseph J. Vella nomine v. PB Leasing Aircraft No. 23 (Ireland) Limited*** deċiż fil-21 ta' Diċembru, 2012 li,

> *«huwa biss bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru u sakemm ikun għadu fis-seħħ, li l-garanzija mogħtija bis-somma depożitata permezz taċ-ċedola tista' tibqa' ta' xi siwi għall-kreditur eżekutant;*
>
> *Illi l-eżekutata ma semmietx xi sura oħra ta' garanzija disponibbli biex iġġib iż-żamma fis-seħħ tal-mandat ta' sekwestru waħda mhix aktar xierqa;*
>
> *Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-mandat.»*

40. Il-qorti tagħlaq fuq din il-kwistjoni billi tgħid li hija lanqas ma taqbel ma' Central Marine Limited li l-mandat għandu jitħassar għas-sempliċi fatt li fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021 ġew depożitati aktar flejjes minn dak kawtelat fil-mandat. Jekk tassew fl-atti ġew depożitati aktar flejjes minn dak li hemm bżonn illi jiġu kawtelati, ir-rimedju xieraq li jrid jintalab, mhuwiex dak tat-tħassir tal-mandat iżda dak ta' rikors għall-ġbid ta' dawk il-flejjes li hemm depożitati żejda;

41. Anke din it-tieni raġuni għalhekk qiegħda tiġi mwarrba;

42. It-<u>tielet raġuni</u> msemmija minn Central Marine Limited għaliex il-mandat għandu jitħassar hija għaliex skont hi, m'għandha tagħti xejn lil Express Global d.o.o., peress li tgħid li ħallset kollox;

43. Għal darb'oħra, Central Marine Limited ma torbotx din ir-raġuni ma' waħda mit-tliet kawżali msemmija minnha fit-talbiet tagħha. Madankollu, il-qorti qed tifhem li din ir-raġuni x'aktarx hija marbuta mal-**artikolu 836(1)(d)**, li titkellem dwar ammont li mad-daqqa t'għajn ma jkunx jidher li huwa ġustifikat;

44. Fil-fehma tal-qorti din it-tielet raġuni msemmija minn Central Marine Limited għad trid tiġi deċiża fil-kawża mibdija bir-rikors maħluf 471/2021, li nfetħet bejn il-

partijiet. Dan loġikament jgħodd jekk Central Marine Limited tiddeċiedi li tressaq din l-eċċezzjoni tal-ħlas, għaliex sa issa ma tressqu l-ebda eċċezzjonijiet minnha. Fil-fatt jidher li sallum din il-kumpannija għadha lanqas biss ġiet notifikata bir-rikors maħluf;

45. Għalissa din il-qorti mhijiex f'qagħda li tista' tgħid li l-avukat Adrian Attard *nomine* ressaq pretensjoni li mhijiex ġustifikata. Naturalment Central Marine Limited tista' ma taqbel xejn ma' din il-pretensjoni, iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-avukat Adrian Attard *nomine* m'għandux sies legali sabiex jikkawtela l-pretensjoni tiegħu;

46. Il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ġie ppruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Huwa għal din ir-raġuni li ma jistax jingħad li s-sempliċi fatt li ġudikant ikun laqa' jew ċaħad talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju oġġettivament jiġġustifika xi preokkupazzjoni dwar l-imparzjalità tiegħu, meta huwa jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu dwar l-istess dritt li kien is-suġġett tal-mandat kawtelatorju, sakemm ma jkunux jeżistu xi ċirkostanzi speċjali (ara ***Sandro Chetcuti et v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005);

47. Il-mistoqsijiet li jrid jagħmel ġudikant lilu nnifsu meta jeżamina talba għall-ħruġ jew tneħħija ta' mandat kawtelatorju huma differenti minn dawk li jrid jagħmel meta jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu;

48. Fid-dawl ta' kollu, din il-qorti mingħajr bl-ebda mod ma qiegħda tippronunzja ruħha dwar is-siwi tat-talbiet imressqa fir-rikors maħluf, tgħid li tajjeb jew ħażin, l-avukat Adrian Attard *nomine* wera li huwa għandu pretensjoni xi jressaq kontra Central Marine Limited. Issa jekk din il-pretensjoni hijiex mistħoqqha jew le, wieħed irid jara mhux f'din il-proċedura tar-revoka tal-mandat iżda waqt li jkun qiegħed jiġi diskuss il-mertu nnifsu tar-rikors maħluf, fil-kawża prinċipali li hemm bejn il-partijiet;

49. Għalhekk anke din it-tielet raġuni mhijiex qiegħda tiġi aċċettata minn din il-qorti;

50. Jifdal biss, ir-raba’ raġuni għat-tneħħija tal-mandat, dik fejn Central Marine Limited tisħaq li l-likwidità tagħha u r-relazzjoni kummerċjali twila illi hija kellha mal-kumpannija barranija Express Global d.o.o. kellhom ikunu ta’ garanzija biżżejjed biex il-mandat ma jintalabx;

51. Għal din il-qorti anke din ir-raġuni ma tistax titqies bħala waħda fejjieda għaliex biex jintużaw il-kliem tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ***Helen Camilleri v. Kuraturi Deputati*** mogħti fil-25 ta’ April, 2014,

> *«ma jiswa xejn li jingħad li l-eżekutati m’għandhomx problemi ta’ likwidità, għaliex apparti li dak li jallegaw l-eżekutati mhux maħluf, il-fatt waħdu li jista’ jkollhom assi likwidi ma jneħħix il-ħtieġa li juru n-notorjetà ta’ din iċ-ċirkostanza. Dan l-għarfien ġenerali dwar il-qagħda finanzjarja tal-eżekutati ma toħroġx mill-atti li l-Qorti għandha quddiemha hi u qiegħda tagħti dan il-provvediment».*

52. La qegħdin fiż-żifna, din il-qorti tagħlaq billi tgħid li Central Marine Limited fit-talbiet tagħha tindika wkoll l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** bħala kawżali għaliex il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju għandu jitħassar. Però din il-kawżali ma hija sostnuta fl-ebda waħda mill-erba’ raġunijiet indikati minn Central Marine Limited fir-rikors tagħha;

53. Lil hemm minn dan, tajjeb li jingħad li din il-kawżali tidħol fix-xena biss fejn ikollok waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li tkun teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, iżda li ma tibqax hekk teżisti wara l-ħruġ tal-mandat (ara *inter alia* ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta’ Jannar, 2021, ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** tad-29 ta’ Settembru, 2020, ***Bartholomeo Bonett et v. George Borg et*** tat-23 ta’ Ottubru, 2007 u ***Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et*** tat-3 ta’ Awwissu, 2001);

54. Dak li jgħodd għalhekk biex tista’ titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa’ għalkollox jew f’parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem “*jinżamm*” u “*aktar*

*meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ (ara ***Ivan John Debono v. Antoine Vella***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021);

55. Il-bdil li għalih japplika dan is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara ***Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

56. Fil-każ tagħna, ġa għidna aktar kmieni li r-raġuni tad-depożiti mill-banek sekwestratarji mhix raġuni tajba biex jitneħħa l-mandat;

57. Barra minn din il-ħaġa, Central Marine Limited ma semmiet l-ebda ġrajja ġdida oħra fir-rikors tagħha, li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat inkwistjoni. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti qiegħda tiċħad l-<u>**ewwel talba**</u> ta' Central Marine Limited sabiex jitħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1063/2021;

58. It-<u>**tieni talba**</u> ta' Central Marine Limited hija biex l-avukat Adrian Attard *nomine* jiġi kkundannat iħallas penali skont l-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

59. Il-liġi, fl-**artikolu 836(8)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, issemmi erba' ċirkostanzi biss li minħabba fihom wieħed jista' jeħel penali għal ħruġ ħażin ta' mandat. Skont il-ġurisprudenza dawn l-erba' raġunijiet huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa (ara ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020, ***Rosie Lehner v. Ian Pace*** deċiż mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Awwissu, 2009 u ***Cole Foods Ltd v. Euro Imports Ltd*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2003);

60. Fil-każ tagħna, Central Marine Limited ma wrietx li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ħareġ ħażin, bħalma lanqas ma indikat għal-liema waħda mill-erba' ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija qiegħda tagħmel riferenza;

61. Fuq kollox, Central Marine Limited ma fissritx għaliex l-avukat Adrian Attard *nomine* għandu jeħel il-penali;

62. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaqha (ara ***Mario Camilleri et v. Joseph Amato*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru, 2010);

63. Jiġi b'hekk, li anke din it-tieni talba qiegħda tiġi miċħuda;

64. Il-qorti sejra issa tissokta billi tqis it-**<u>tielet talba</u>** fejn qed tintalab biex hija tillikwida u tikkundanna d-danni li jridu jitħallsu mill-avukat Adrian Attard *nomine* minħabba l-ħruġ tal-mandat;

65. Fil-fehma tal-qorti talba bħal din ma tistax titressaq b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talba ta' din ix-xejra jeħtieġ li ssir b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors, marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju. Kif tajjeb ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2001,

> *«ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-liġi inutilment biex jiġi riżarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni (illum rikors maħluf).»*

66. Ir-raġuni ewlenija hija li, bħalma fissret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014,

> *«il-proċedura għat-tħassir tal-mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll **Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

67. Illi għalhekk, il-qorti ssib li din it-tielet talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni taħt l-**artikolu 836(9)** ma tistax tintlaqa' għaliex saret f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

68. Ir-**<u>raba’ u l-aħħar talba</u>** hija biex din il-qorti timponi garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u tad-danni fuq l-avukat Adrian Attard *nomine* skont l-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

69. L-ordni biex tingħata garanzija l-**artikolu 838A** ma ssarrafx f’kundanna ta’ penali jew f’kundanna għall-ħlas ta’ danni. L-għan waħdieni tal-għoti tal-garanzija huwa biss li tqiegħed lil min ikun ġie milqut b’mandat kawtelatorju, f’qagħda li, meta u jekk jibda proċeduri għall-ħlas ta’ danni jew għat-twaħħil ta’ penali, huwa jkun jista’ jsib assi li fuqhom ikun jista’ jenforza deċiżjoni favorevoli għalih (ara ***Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart*** deċiż mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta’ Lulju, 2005);

70. Fid-deċiżjoni tagħha, fl-ismijiet ***Grazio sive Horace Cachia v. Agostino sive Winston Carbone et*** deċiża fil-25 ta’ Novembru, 2016, il-Qorti tal-Appell fissret li sabiex il-qorti tkun tista’ tordna l-għoti ta’ garanzija, hemm bżonn li tintwera kawża ġusta. Din il-kawża ġusta ma tintweriex iżda bil-fatt waħdu li l-persuna tkun intlaqtet bil-mandat kawtelatorju (ara ***Mediterranean Film Studios v. Albert Galea et noe*** deċiża fit-30 ta’ Ġunju, 2000);

71. Sfiq ma’ dan, l-ammont waħdu li jkun ġie kawtelat f’mandat kawtelatorju ma jistax jitqies bħala raġuni tajba għall-kundanna lill-esekutant għall-għoti tal-garanzija għax inkella min ikun talab il-mandat jibqa’ fejn ikun u jiġi f’sitwazzjoni ta’ ċikku briku;

72. Kif tajjeb impoġġi mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili f’***Volksbank Malta Limited v. Geosys Limited et*** deċiż fil-31 ta’ Lulju, 2013,

> *«Huwa minnu li kull mandat iġib miegħu tfixkil lill-parti intimata u x’aktarx disaġju wkoll, imma dan m’huwiex, waħdu, kejl ta’ “raġuni tajba” biex tintalab il-garanzija. Li kellu jkun hekk, kull darba li jinħareġ mandat trid tingħata l-garanzija. Din ma kenitx il-fehma tal-leġislatur.»*

73. Tassew immela, sabiex qorti tagħti ordni għall-għoti ta' garanzija jrid jintwera li hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u gravi, li jwasslu lill-qorti biex tagħti dik is-sanzjoni (ara *inter alia* ***Avukat Marisa Vella nomine vs. Ian Clague*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Awwissu, 2021). Dawn ir-raġunijiet x'aktarx iridu jkunu mibnija fuq il-ħtija, kif imfissra fl-**artikoli 1031** u **1032 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***John Żarb v. Port Cottonera Ltd*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Settembru, 2002);

74. Mhux hekk biss, iżda d-danni allegatament imġarrba jridu jkunu marbuta direttament mal-ħruġ tal-mandat u jridu jkunu danni li jkunu jistgħu jiġu likwidati u mhux ikunu danni astratti li jkunu biss fl-arja jew mistħajla (ara ***Avukat Vincent Falzon noe v. Alex Sullivan*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Marzu, 2001);

75. Imħaddem dan kollu, għall-każ tagħna, il-qorti tibda billi tgħid illi hija ma tistax tordna lill-avukat Adrian Attard *nomine* biex joffri garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-penali, ladarba aktar kmieni din il-qorti sabet li f'dan il-każ ma nġabitx raġuni tajba biex twaħħal il-penali;

76. Hekk ukoll, il-qorti lanqas ma tara li għandha għalfejn toqgħod tordna l-għoti tal-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni, ladarba Central Marine Limited ma fissritx fir-rikors tagħha x'inhuma dawk id-danni li ġarrbet jew dak id-danni li tista' ġġarrab 'il quddiem bħala konsegwenza tal-mandat;

77. Bilkemm għandu għalfejn jingħad, mhuwiex xogħol il-qorti li toqgħod taħseb x'tip ta' danni batiet jew tista' tbati Central Marine Limited;

78. Fuq kollox, il-prova tal-eżistenza tar-raġuni tajba għall-għoti ta' garanzija kien imiss lilha biex turiha u ladarba Central Marine Limited ma semmiet l-ebda raġuni serja u gravi għaliex għandu jkun hemm garanzija skont l-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, allura l-unika triq li għandha l-qorti hija dik li tiċħad ukoll din it-talba;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda **<u>tiċħad it-talbiet kollha</u>** mressqa fir-rikors tat-12 ta' Awwissu, 2021;

Jekk però, fil-mument li ngħata dan id-digriet, kien laħaq inħareġ kontro-mandat li laħaq neħħa l-mandat ta' sekwestru 1063/2021, allura dan id-digriet għandu jitqies bħala wieħed li ġie sorpassat safejn dan jolqot iċ-ċaħda tat-talbiet ta' Central Marine Limited dwar it-tneħħija tal-imsemmi mandat u l-impożizzjoni ta' garanzija, iżda għandu jibqa' jorbot safejn imiss mat-talbiet dwar it-twaħħil tal-penali u l-ħlas ta' danni;

**<u>Tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu minn Central Marine Limited.

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**